MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1600/2001/2

**Francis u Agnes konjugi Buhagiar**

**vs**

**Alex Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' (Lm 569.40c) hames mija disa' u sittin lira Maltin u erbghin centezmi) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal, rapprezentanti danni kkagunnati fil-vetttura bin-numru ta' registrazzjoni IAS 076 proprjeta' tal-atturi, meta l-konvenut kien qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBC 716 lqatt il-vettura tal-atturi, liema incident awotomobilistiku sehh fis- 7 ta' Novembru 2001 f' Ta' Qali, Rabat u dan prevja dikjarazzjoni u l-incident gara unikament htija tal-konvenut.

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’ tort tal-eccipjenti, pero b’ tort tas-sewwieq tal-vettura IAS 076, u cioe Agnes Buhagiar.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi ghalkemm il-versjonijiet tal-okkorenza tal-incident ma jaqblux, dik moghtija mill-attrici hija aktar versosimili. Aktar u aktar meta z-zewg partijiet naqsu li jipproduci bhala xhud l-unika persuna li kienet testimone oculare. Peress illi dina nzertat gar tal-attrici u missier il-konvenut ghazlu ghal ragunijiet ovvji li ma jtellghux u jixhed.

Si figure ukoll meta l-istess konvenut irrizulta kien qed isegwi l-passi sia ta' missieru u sia tal-attrici! Hekk kif rahom it-tnejn jitkellmu flimkien, il-konvenut tilef il-boxxla u saq ghal fuq il-vettura tal-attrici. Dana kien att volut – giet kommessa hsara volontarju, mhux semplicement bhal kollizzjoni normali.

Dwar id-danni, giet kontestata da parti tal-konvenut il-quantum tieghu. Kif iddikjara l-istess surveyor tas-socjeta’ assikuratrici tal-vettura tal-konvenut, il-figuri minnu moghtija dwar parts kienu approssimattivi u ma kompliex isegwi l-kaz.

L-attrici pproduciet il-persuna li kien ser isewwilha cioe' l-panel beater li stqarr li kien sar qbil mas-surveyor dwar il-mano d'opera, dwar parts ma kienx johrog! Stima originali ta' labour u spray kienet ta' mitejn u sebghin Lira Maltin (Lm270) u is-Surveyor ta' mitejn u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm235). B'dan l-ammont il-panel beater jaccetta li jahdem il-karozza.

Dwar parts, il-front mudguard jinqata ghx jittella'. Dwar bieba, shiha mija u sittax il-Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm116.83) u skin (skond is-surveyor – hdax il-Lira Maltin (Lm11). Qed jigi ffissat l-ammont ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) bhala arbitrio boni fin. Rear mudguard, it-Tribunal ma jistax ma joqghodx fuq il-panel-beater – mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm143.48), kif ukoll panel – seba' Liri u sitta u erbghin centezmu (Lm7.46) b'kollox erbgha mija u hamsa u tletin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm435.94).

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa'' t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tas-7 ta' Ottubru 2001, u jikkundannah ihallas lill-attrici limitatament is-somma ta' erbgha mija u hamsa u tletin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (lm435.94), bl-interessi mit-28 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------